MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2009

Numru 22/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Anthony Muscat,
Simon Muscat,
Lawrence Muscat u
Timothy Gauci**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Frar 2008 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-Att ta' Akkuza

migjub mill-Avukat Generali kontra l-erba' akkuzati bhala null u bla effett u ordnat li l-istess erba' akkuzati jitpoggew fl-istat li kienu fih immedjatament wara li l-Avukat Generali pprezenta n-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tieghu tas-16 ta' Jannar 2007 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u qabel ma giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-istess Nota. Ghall-ahjar intendiment ta' din is-sentenza, u anke minhabba l-kumplikazzjonijiet – hafna minnhom inutili – li tqajjmu fir-rikors ta' appell, tajjeb li jigu brevement rikapitolati l-fatti saljenti ta' din il-kawza.

**2.** Fit-22 ta' April 2005 l-erba' appellati – l-akkuzati Anthony Muscat, Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci, allura imputati – gew mixlija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu u l-jiem ta' qabel, bil-hsieb li jaghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu, jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta kif ukoll barra minn Malta, ikkonguraw f'dak is-sens ma' persuna/i ohra meta l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kif imsemmi qabel kien ta' aktar minn tlieta. Inoltre Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci gew akkuzati talli fl-istess dati, hinijiet u cirkostanzi, bhala persuni li nizlu l-art jew imbarkaw f'Malta naqsu milli jkollhom passaport u jaghtu lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-ufficjal principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg. Kif jidher mil-lokuzzjoni adoperata, l-ewwel imputazzjoni (migjuba kontra l-erbgha li huma) jidher li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 337A(1) tal-Kodici Kriminali (traffikar fil-persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi – reat li, fil-forma kif imputata, cioe` fejn il-persuni mghejjuna, assistiti ecc. huma aktar minn tlieta, igorr piena massima ta' tnax-il sena prigunerija), filwaqt li t-tieni imputazzjoni (migjuba kontra tlieta biss mill-imputati) tirreferi ghall-Artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217).

**3.** Permezz ta’ nota ta’ rinviju ghall-gudizzju datata 16 ta’ Jannar 2007 u maghmula fit-termini ta’ l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali baghat lill-erba’ imputati biex jigu ggudikati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Huwa indika fil-konfront taghhom, bhala disposizzjonijiet tal-ligi li tahthom tista’ tinstab htija jew htijiet, l-Artikoli 32(1)(a), 28 u 33 tal-Kap. 217, u l-Artikoli **248A**, **248E**, 17(b)(h), 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali. Ma saret ebda referenza ghall-Artikolu 337A(1). L-Artikolu 248A jikkontempla r-reat ta’ traffikar ta’ persuna ta’ l-eta` bil-ghan li tigi sfruttata fil-produzzjoni ta’ oggetti jew fil-ghoti ta’ servizzi, liema reat igorr piena massima ta’ disa’ snin prigunerija. L-Artikolu 248E, invece, jipprovdi (fis-subartikolu (1) tieghu) xi definizzjonijiet kif ukoll (fis-subartikolu (2) tieghu) zieda fil-piena bi grad f’kaz li r-reat ikun akkumpanjat b’xi wahda mic-cirkostanzi hemm imsemmija.

**4.** Sitt ijiem wara li giet presentata l-imsemmija nota ta’ rinviju ghall-gudizzju, u precisament fit-22 ta’ Jannar 2007, l-Avukat Generali pprezenta rikors quddiem il-Qorti Inferjuri li permezz tieghu talab “korrezzjoni” fl-imsemmija nota fis-sens illi “qabel l-artikolu 17(b)(h) jidhlu l-kliem ‘337A’”. Skond l-istess rikors it-talba kienet qed issir ghax huwa, cioe` l-istess Avukat Generali “ried jindika izda bi zball naqas milli jindika hemm l-artikolu 337A ta’ l-istess Kodici [Kriminali]”. Wara diversi udjenzi li fihom gew trattati kwistjonijiet li ma humiex direttament relevanti ghall-meritu ta’ l-appell odjern, fl-udjenza tal-5 ta’ Frar 2007 – u ghandu jigi precisat li sa din l-udjenza l-imputati kienu ghadhom ma gewx mistoqsija jekk kellhomx oggezzjoni li jigu ggudikati minn dik il-Qorti Inferjuri – il-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba ta’ l-Avukat Generali kontenuta fir-rikors tieghu tat-22 ta’ Jannar 2007 u dan wara li ghamlet referenza specifika ghall-Artikolu 175(1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-Artikolu 520(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Dik il-Qorti, fid-digriet taghha, irreferiet ukoll ghall-verbal, registrat mill-avukat Dott. Stephen Tonna Lowell ghall-Avukat Generali f’dik il-gurnata stess, li permezz tieghu l-Avukat Generali ddikjara li fil-kaz li l-qorti tilqa’ t-talba tieghu kif kontenuta fir-rikors tat-22 ta’

Jannar 2007, huwa kien qed jintrabat biex ma jitlobx piena li tkun aktar gravuza mill-piena applikabbli ghar-reati minnu indikati fin-nota ta' rinviju tas-16 ta' Jannar 2007. Fl-istess digriet, pero`, li bih l-Qorti tal-Magistrati laqghet it-talba kif kontenuta fl-imsemmi rikors, hija ddikjarat ruhha inkompetenti "stante li l-kompetenza tal-Qorti ma tiddependix mill-piena mitluba izda mir-reat addebitat", u billi tali reat – cioe` dak kontemplat fl-Artikolu 337A – kien hekk jezorbita mill-kompetenza taghha, ordnat li l-atti kollha tal-kawza jintbaghtu lura lill-Avukat Generali.

**5.** Permezz ta' l-Att ta' Akkuza numru 22/2007, presentat fl-14 ta' Marzu 2007, l-Avukat Generali akkuza, fl-ewwel kap, lil Anthony Muscat, Simon Muscat, Lawrence Muscat u Timothy Gauci bir-reat kontemplat fl-Artikolu 337A(1) tal-Kodici Kriminali, pero`, konformement mal-verbal appena msemmi, talab piena ta' prigunerija sa massimu ta' disa' snin. Fit-tieni u fit-tielet kapi, imbaghad, hemm akkuzi skond il-Kap. 217 – dawn l-akkuzi, pero`, ma huma ta' ebda importanza ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna.

**6.** Quddiem il-Qorti Kriminali, apparti diversi eccezzjonijiet preliminari li tressqu mill-akkuzati li xi whud minnhom gew dikjarati *fuori termine* filwaqt li eccezzjoni ohra giet irtirata (kif ukoll eccezzjoni, sollevata mill-Avukat Generali, dwar l-ammissibilita` tal-provi li l-akkuzati kellhom il-hsieb li jressqu, liema eccezzjoni, kif ser naraw, il-Qorti Kriminali astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha), tressqet is-segwenti eccezzjoni minn Timothy Gauci:

**"2. Illi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma' dan il-kaz. Ghandu jinghad li fit-termini ta' l-Artikolu 370(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali baghat lill-akkuzati sabiex dawn jigu gudikati quddiem qorti ta' Gudikatura Kriminali u minn imkien ma jirrizulta li l-istess Avukat Generali ghandu l-jedd li jbiddel il-fehma tieghu u wara johrog Att ta' Akkuza. Fil-fatt in atti nsibu li hemm kemm l-Artikoli u l-kunsens mahrug mill-Avukat Generali kif ukoll l-att ta' akkuza relattiva."**

**7.** Dwar din l-eccezzjoni l-Qorti Kriminali iddecidiet u pprovdiet hekk:

“Li fis-sottomissjonijiet tieghu dwar l-unika eccezzjoni rimanenti biex tigi deciza, l-abbli difensur tal-akkuzat Timothy Gauci qal li wara li l-Avukat Generali fis-16 ta’ Jannar, 2007, kien baghat l-artikoli lill-Qorti tal-Magistrati (fol. 327), fit-22 ta’ Jannar, 2007, l-Avukat Generali pprezenta rikors fejn talab korrezzjoni ta’ l-atti tar-rinviju billi ma’ l-artikoli jizdied l-artikolu 337A. Sar zball u l-Magistrat accetta l-korrezzjoni w baghat l-atti tal-kumpilazzjoni lura lill-Avukat Generali. Umbaghad l-Avukat Generali qabad u hareg l-Att ta’ l-Akkuza odjern.

“Illi t-talba ghall-korrezzjoni ma setghetx tigi milqugha ai termini tal-artikolu 175 tal-Kodici tal-Procedura w Organizzazzjoni Civili. Ghalkemm Dottor Tonna Lowell ghall-Avukat Generali kien ivverbalizza li l-Avukat Generali ma riedx li tinqabez il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, skond l-artikoli 597(1) u 599 ma jista’ jizdied xejn fl-att ta’ l-akkuza li jista’ jaghmlu aktar gravi. Hu ghamel ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Leonard Callus et.** [4.6.2002]. La l-Avukat Generali kien ha decizjoni fejn hareg l-Artikoli, ma setax ibiddel l-opinjoni tieghu.

“L-abbli Avukat prosekutur issottometta li kif giet esposta l-eccezzjoni in meritu waqt it-trattazzjoni fl-udjenza, kienet qed tigi imwessa’. Ghalkemm kienu ntbaghtu l-artikoli lill-Qorti tal-Magistrati, dik il-Qorti ma kinitx lahqet staqsiet lill-akkuzati jekk ridux jigu gudikati minn dik il-Qorti ghax l-artikoli kienu saru b’rizerva ta’ provi ohra tal-prosekuzzjoni w ghalhekk, meta sussegwentement l-Avukat Generali kien ghamel it-talba biex jikkorregi l-artikoli, din saret tempestivament u ma kienx ghad hemm il-kristallizzazzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti tal-Magistrati. Meta l-artikolu 175 tal-Kap.12 gie rez applikabbli ghall-proceduri kriminali, l-intenzjoni tal-legislatur kienet li l-formalizmu zejjed jitnaqqas ghall-minimu possibbli. Bid-digriet fejn intlaqghet it-talba ghall-korrezzjoni ma gietx

effettwata s-sustanza tal-azzjoni. Fl-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza kienet qed tintalab piena minn disa' xhur sa disa' snin u multa ta' LM10,000. U ghalkemm f''dan il-kaz il-piena setghet titla' minn grad wiehed sa tliet gradi, l-Avukat Generali rabat idejh u ma talabx il-massmu tal-piena w llimita l-piena sa massimu ta' disa' snin. Umbaghad il-Kapi sussegwenti jgorru piena inferjuri.

"Ikkonsidrat;

"Li mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta li bhala fatt l-Avukat kien baghat ir-rinviju ghal gudizzju bin-Nota tieghu tas-16 ta' Jannar, 2007, (Fol-327), fejn fl-ahhar tan-Nota kien ghamel rizerva importanti w cioe` li l-Qorti tal-Magistrati kellha tiddeciedi fuq l-akkuza tal-htijiet indikati fl-artikoli citati f'nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputati "biss *wara* li tisma' l-ahhar provi tal-prosekuzzjoni." Fit-22 ta' Jannar u cioe` fl-istess jum li l-imputati dehru quddiem il-Qorti tal-Magistrati, gie prezentat rikors fejn intalbet korrezzjoni ta' l-att tar-rinviju billi fil-paragrafu (b) taghha jidhlu l-kliem [recte: numri w ittra] "337A".

"Kif jidher li gie verbalizzat a fol. 329 tal-process, rinfaccjat b'din it-talba, id-difensur tal-akkuzati kien talab differiment biex jirregola ruhu, liema differiment gie akkordat stante li ma kien hemm ebda oppozizzjoni min-naha tal-Avukat Generali w il-Pulizija.

"Fil-fatt, saru diversi differimenti, daqqa fuq talba tad-difiza w daqqa anki fuq talba tal-Prosekuzzjoni li fihom gew trattati kwistjonijiet ohra w sadattant il-Qorti tal-Magistrati baqghet ma pprovdietx fuq ir-rikors tal-Avukat Generali w lanqas staqsiet lill-akkuzati jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi gudikat minn dik il-Qorti. (fols. 334, 336 u 337.) Fil-5 ta' Frar, 2007, umbaghad, wara li Dr. Franco Debono kien iddikjara li d-difiza ma kinitx qed tinsisti ghal referenza kostituzzjonali f'dak l-istadju fuq il-kwistjoni ta' xhieda strangieri li lahqu siefru, saret trattazzjoni dwar it-talba ghall-korrezzjoni tal-atti tar-rinviju (fol. 338).

"Dak in-nhar Dr. S. Tonna Lowell ghall-Avukat Generali ddikjara li fil-kaz li dik il-Qorti tilqa' t-talba tal-Avukat

Generali kontenuta fl-imsemmi rikors tat-22 ta' Jannar, 2007, l-Avukat Generali kien qed jintrabat biex ma jitlobx ghall-piena li tkun aktar gravuza mill-piena applikabbli ghar-reati kontemplati minnu imsemmija fl-Att tar-Rinviju datat 16 ta' Jannar, 2007 u talab li jinghata provvediment dwar dak ir-rikors.

"Dr. Franco Debono oppona t-talba ghall-korrezzjoni, u wara li saret trattazzjoni nghata d-Digriet fejn il-Qorti tal-Magistrati laqghet il-korrezzjoni w ordnat li l-atti kollha tal-kawza jigu rinvjati lill-Avukat Generali (Fols. 340-342), u dana stante li kif irriteniet l-istess Qorti: *"indipendentement mill-piena li ser tintalab mill-Avukat Generali skond kif dikjarat fil-verbal tas-Seduta tal-lum minn Dr. Stephen Tonna Lowell ghall-Avukat Generali, stante li l-kompetenza tal-Qorti ma tiddependix mill-piena mitluba izda mir-reat addebitat, tiddikjara li tali zieda tezorbita l-kompetenza ta' din il-Qorti f' din il-kawza".*

"Wara li inghata dan id-Digriet, Dr. Debono ghall-akkuzati vverbalizza, ghal kull buon fini, illi l-Artikoli inkluzi fir-rinviju tal-Avukat Generali skond il-ligi ghandhom jinhargu biss mill-Avukat Generali w l-poter ta' dik il-Qorti kien, fl-aghar ipotesi, illi tordna li l-atti jergghu jigu rimessi lill-Avukat Generali sabiex isiru l-korrezzjonijiet mehtiega. Id-difiza rrilevat li l-Qorti Istruttorja m'hijiex skond il-ligi kompetenti li tordna jew teffettwa bdil jew korrezzjonijiet fl-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali w id-Difiza rrizervat li taghmel it-talbiet opportuni.

"Effettivament l-atti tal-kumpilazzjoni gew rinvjati lill-Avukat Generali li mbaghad, fl-14 ta' Marzu, 2007, ipprezenta l-Att ta' l-Akkuza in meritu, fejn ghall-Ewwel Kap talab piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin u multa ta' LM10,000, ghat-tieni Kap talab piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn u multa ta' LM5000 u ghat-tielet Kap talab piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn sentejn u multa ta' LM5000.

"Ikkonsidrat;

"Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Michael Carter** [7.12.2001] in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali w ghalhekk tapplika r-regola, dezunta mill-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, li ma kellu jsir xejn fl-Att ta' l-Akkuza kontra l-akkuzat li jaghmel izjed gravi r-reat.

"Illi fil-prezentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, il-Prosekuzzjoni kienet akkuzat lill-erba' imputati li fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Marzu, 2005, u l-jiem ta' qabel, bil-hsieb li jaghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johrogu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li, sew f'Malta, kif ukoll barra min Malta, kkonguraw f'dak is-sens ma persuna/i ohra meta l-ghadd ta' persuni mghejjuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kif imsemmi qabel kien ta' aktar min tlieta.

"Fit-tieni lok gew akkuzati wkoll li bhala persuni li nizlu l-art jew imbarkaw f'Malta, naqsu milli jkollhom passaport u jaghtu lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta w dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg.

"Kjarament l-Ewwel akkuza, kif jidher mid-dicitura uzata, hija msejjsa fuq l-artikolu 337A tal-Kodici Kriminali u l-ewwel proviso tieghu fil-waqt li t-tieni akkuza hija bazata fuq l-artikoli 28 u 32(1)(g) ta' l-Att Dwar l-Immigrazzjoni (Kap.217).

"Issa f' dan il-kaz, bi zball jew bi zvista l-Avukat Generali meta baghat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju, ghalkemm irrifera ghall-artikoli 248A u 248E li jirrigwardaw ir-reati ta' traffikar ta' persuni ta' l-eta` bil-ghan li dik il-persuna tigi sfruttata fil-produzzjoni bl-applikazzjoni wkoll tal-artikolu 248E, reat li jgib piena massima ta' disa' snin prigunerija, liema piena pero` tigi mizjuda bi grad jekk jirrizulta xi

wiehed mill-aggravanti msemmi fis-sub-inciz (2) tieghu, ma nkludiex ukoll l-artikolu 337A li jikkontempla reat ta' traffikar ta' persuni punibbli b'piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa hames snin jew multa ta' LM10,000 jew dik il-multa w prigunerija flimkiien, pero` li meta in-numru ta' persuni nvoluti jkun aktar minn tlieta, (kif qed jigi allegat u qed tintalab dikjarazzjoni ta' htija fl-Ewwel Kap), dik il-piena tista' tizdied bi grad wiehed sa tlitt gradi w f'liema kaz ghalhekk, trattandosi ta' aktar minn tliet persuni involuti allegatament, kienet tkun erogabbli piena massima addirittura ta' tnax-il sena prigunerija, li allura tohrog mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

"Apparti li meta l-Avukat Generali ccita wkoll l-artikolu 248E bil-possibilta` li dan kien jikkomprendi l-aggravanti b'zieda fil-piena bi grad, kompriz fis-sub-inciz (2) tieghu fuq imsemmi, kien diga` qed jakkuza b'reat li kien jezorbita l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati, certament li *multo magis*, bil-korrezzjoni li talab u kien qed jottjeni mill-Qorti tal-Magistrati, dan kien ser jigri ukoll minnhabba l-korrezzjoni mitluba.

"Ikkonsidrat;

"Fil-fehma ta' din il-Qorti saru diversi zbalji fl-iter processwali. Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li una volta l-Avukat Generali kien baghat in-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju bl-artikoli li tahthom hass li setghet tinstab htija, zball u mhux zball ta' minn abbozza dik in-Nota, huwa kien prekluz li wara jzid artikoli ohra li fil-fatt kienu jittraducu ruhom f'akkuza ohra li ma kienetx inkluza fin-Nota, sia pure li din l-akkuza kienet tiffigura bhala l-ewwel akkuza fil-prezentata. Ghalhekk l-Avukat Generali ma kellux dritt li jirrikorri ghall-espedjent tar-rikors biex jikkorregi n-Nota a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap.12 rez applikabbli ghall-proceduri kriminali, u dan ghaliex b'hekk zgur li kien qieghed [kien qed] imur kontra l-principju dezunt mill-art. 597(1) tal-Kap.9 fuq citat ghax kien qed jirrendi aktar gravi r-reat.

“Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma kellhiex tilqa’ t-talba ghall-korrezzjoni w se mai kellha tinnota li l-akkuzi taht l-art. 248A u 248E citati mill-Avukat Generali setghu kienu diga` jaqbzu l-kompetenza taghha w konsegwentement kellha tirrinvija l-atti lill-Avukat Generali ghal din ir-raguni w mhux ghar-raguni li skondha (w korretement) emergiet wara l-korrezzjoni fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju minnha awtorizzata.

“Naturalment, l-Avukat Generali, rinfaccjat b’tali rinviju, kien liberu li jintavola att ta’ akkuza quddiem din il-Qorti, imma ma setax jinkludi fih reati godda (u f’dal-kaz aktar gravi) minn dawk li hu jkun elenka fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju. Imma fil-fatt hekk gie sar u dan ghalhekk imur kontra l-principju li hu dezunt mill-artikolu 597(1) u skond il-gurisprudenza fuq citata.

“Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-akkuzat Timothy Gauci timmerita li tigi milqugha w stante li dan id-difett fl-Att ta’ l-Akkuza jolqot ukoll necessarjament il-pozizzjoni legali tat-tlitt ko-akkuzati l-ohra, l-provvediment infraskritt irid japplika wkoll fil-konfront taghhom.

“In vista tal-fatt li l-Att ta’ l-Akkuza ser jigi dikjarat null u bla effett, ma hux il-kaz li din il-Qorti f’dan l-istadju tidhol fil-mertu tal-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-inammissibilita` ta’ uhud mix-xhieda indikati mid-difiza, eccezzjoni li dwarha l-partijiet ma jidhirx li ittrattaw.

“Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzati kollha hlief Timothy Gauci ghax dawn gew prezentati *“fuori termine”,* tastjeni ukoll milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-istess Timothy Gauci li giet minnu rtirata, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ammissibilita` tax-xhieda f’dan l-istadju, tilqa’ it-tiena eccezzjoni tal-akkuzat Timothy Gauci w tiddikjara l-Att ta’ l-Akkuza null u bla effett u dan fil-konfront tal-erba’ akkuzati ghax id-difett jolqothom kollha b’mod ugwali w tordna li l-erba’ akkuzati jitpoggew fl-istat li kienu immedjatament wara li l-Avukat Generali pprezenta in-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tieghu tas-16

ta' Jannar, 2007 (Fol.327) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja [1] w qabel ma giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-istess Nota."

**8.** L-Avukat Generali appella minn din is-sentenza. Issa, ghalkemm jidher li l-Avukat Generali, quddiem il-Qorti Kriminali, kien argumenta li d-difensur jew difensuri ta' Gauci kienu "wessghu" l-eccezzjoni in kwistjoni – it-tieni wahda – cioe` kienu qed jargumentaw u jaghmlu sottomissjonijiet li jmorru lil hinn mill-parametri ta' kif giet impostata u formulata l-istess eccezzjoni[2], fir-rikors ta' appell tieghu dana l-ilment partikolari ma segwiehx jew rega' qajmu. Minn qari akkurat tar-rikors ta' appell – rikors li, jinghad mill-ewwel, flok ma jiffoka fuq dak li hu essenzjali jintilef f'hafna dettal marginali – hu evidenti li l-Avukat Generali qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-argument jew holqa ta' argumenti li (i) il-Qorti tal-Magistrati setghet tilqa' t-talba ghall-korrezzjoni biex jizdied l-Artikolu "337A" fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 175 tal-Kap. 12, (ii) li tali korrezzjoni ma taghmilx "izjed gravi r-reat" fis-sens tal-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, u (iii) li fl-istadju li saret il-korrezzjoni mill-Qorti Inferjuri la kienu ghadhom instemghu "il-provi l-ohra" li kien talab li jinstemghu l-Avukat Generali skond il-paragrafu (*f*) tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 tal-Kap. 9, u wisq anqas ghalhekk ma kienu ghadhom l-akkuzati gew mistoqsija jekk kollhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bil-procedura sommarja. Dawn, u dawn biss, jekk taghsar ir-rikors ta' appell, huma l-bazi ta' l-aggravju li s-sentenza appellata hija zbaljata.

**9.** Issa, kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali fis-sentenza appellata, il-gurisprudenza pparifikat in-nota ta' rinviju

---

[1] Proprjament in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tas-16 ta' Jannar 2007 giet presentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u mhux bhala Qorti Istruttorja. F'dan is-sens l-Avukat Generali adixxa lill-Qorti Inferjuri fl-attribuzzjoni korretta taghha, u ghalhekk is-sentenza tal-Qorti Kriminali ghandha neccessarjament tigi interpretata u moqrija bhala li qed tibghat lill-erba' akkuzati lura quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Huwa minnu li anke il-verbali li jsegwu wara dik in-nota, kif ukoll id-digriet tal-5 ta' Frar 2007 huma intestati "Qorti Istruttorja", pero` dan huwa zball. Ara a propositu s-sentenza ta' din il-Qorti, komposta minn imhallef wiehed, tal-25 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Francis sive Frankie Portelli*** – **nota tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.**

[2] Ara l-bidu tat-tielet paragrafu tas-sentenza appellata kif hawn fuq riprodotta.

ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali maghmula skond l-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 u mibghuta lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma' l-Att ta' Akkuza li jigi mill-istess Avukat Generali ppresentat quddiem il-Qorti Kriminali. In fatti, fis-sentenza ta' din il-Qorti (kollegjalment, izda differentement, komposta) tal-4 ta' Gunju 2002 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Leonard Callus u Lawrence Callus** inghad hekk:

**"Isegwi, ghalhekk, li l-Avukat Generali ma setax fuq dawk l-istess atti (u salv dak li jipprovdi l-Artikolu 434 tal-Kodici Kriminali) jaggrava l-posizzjoni tal-akkuzat Lawrence Callus billi, meta johrog l-Att ta' Akkuza, imur lura fuq id-decizjoni li kien ha f'dawk l-atti u jakkuzah b'tentattiv ta' omicidju volontarju minghajr l-attenwanti kontemplata fl-Artikolu 227(c) imsemmi. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2001 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Michael Carter*, in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali; u ghalhekk fil-kaz in dizamina tapplika r-regola, desunta mill-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, li ma kellu jsir xejn fl-Att ta' l-Akkuza kontra l-appellant Lawrence Callus li jaghmel izjed gravi r-reat."**

**10.** In-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, kif appena tigi presentata quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tiddefinixxi (u tista' wkoll tirridimensjona billi targina) l-parametri tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet kontra l-akkuzat li jkun[3]. Kif appena l-Avukat Generali, flok ma indika l-Artikolu 337A tal-Kodici Kriminali indika l-Artikoli 248A u 248E, huwa kien kjarament qed jaghmel ghazla fis-sens (i) jew li l-ewwel imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kienet tipotizza wkoll dan ir-reat kontemplat fl-Artikolu 248A, u allura kien qed jaghzel dan ir-reat flok dak kontemplat fl-Artikolu 337A, jew (ii) kien qed jiddeciedi li r-reat

[3] Ara *passim* ***Il-Pulizija v. Trevor Farrugia*** (29/1/1996) u ***Il-Pulizija v. Enrico Petroni u Edwin Petroni*** (9/6/1998), it-tnejn sentenzi ta' din il-Qorti komposta minn imhallef wiehed.

kontemplat fl-imsemmi Artikolu 248A kien b'xi mod "kompriz u involut" fir-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 337A. Ta' min jinnota li fir-rikors tieghu tat-22 ta' Jannar 2007 quddiem il-Qorti Inferjuri l-Avukat Generali, ghalkemm jallega li "bi zball naqas milli jindika hemm l-Artikolu 337A", ma jitlobx sostituzzjoni ta' artikolu b'iehor, izda zieda ta' artikolu ma' dawk li kienu ga gew indikati. Dan juri bic-car, fil-fehma ta' din il-Qorti, li hawn ma kienx kaz ta' *lapsus calami* jew *lapsus computatri* – per ezempju, gie indikat l-Artikolu 733 flok 337 – izda li kien hemm ghazla deliberata da parti ta' l-Avukat Generali, li wara kellu ripensament, u biex zgur jaghlaq it-toqob kollha talab li jzid l-Artikolu 337A. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tali zieda ma setghetx issir, u dan kemm taht l-Artikolu 175 tal-Kap. 12, kif ukoll in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 597(1) tal-Kap. 9. In fatti, kuntrarjament ghal dak li qalet il-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tal-5 ta' Frar 2007, it-talba ta' l-Avukat Generali ma kinitx tinkwadra fl-imsemmi Artikolu 175(1). L-ahhar parti ta' din id-disposizzjoni taghmilha cara li korrezzjonijiet jew tibdiliet huma permessi "…sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjonijiet fuq il-meritu tal-kawza". Fil-kaz in dizamina, tenut kont tan-natura guridika u l-iskop tan-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, bil-korrezzjoni kif mitluba u akkordata mill-Qorti Inferjuri kien hemm certament tibdil "fis-sustanza ta' l-azzjoni" ghax issa, wara decizjoni li kien ga ha l-Avukat Generali, kien qed jizdied reat li, ghall-fini ta' dik in-nota, kien gdid. Inoltre meta l-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali jitkellem dwar xi haga li "tkun tista' taghmel izjed gravi r-reat", huwa evidenti li hawn il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-kwalifiki jew aggravanti ta' reat partikolari izda wkoll ghal meta jizdied reat, wiehed jew aktar, ma' dawk li diga` jkun hemm fl-Att ta' Akkuza (u allura, b'analogija, ma' dawk indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju). Mill-bqija, l-argument li meta saret il-"korrezzjoni" mill-Qorti Inferjuri – li a bazi taghha, imbaghad, mexa l-Avukat Generali meta hareg l-Att ta' Akkuza – kienu ghadhom ma nstemghux il-provi mitluba skond il-paragrafu (*f*) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 370, u anqas ma kienu ghadhom l-akkuzati wiegbu jekk kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi

trattat bi procedura sommarja, ma hu ta’ ebda relevanza ghar-risoluzzjoni tal-vertenza.

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta’ l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata bil-precisazzjoni – li diga` sar accenn ghaliha – li r-referenza fl-ahhar paragrafu ta’ dik is-sentenza ghandu jkun ghall-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali u mhux bhala Qorti Istruttorja. Tordna, ghalhekk ukoll, li l-atti jintbaghtu lura lil dik il-Qorti – cioe` lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali; u tordna wkoll li l-akkuzati jibqghu fl-istess stat li kienu fih qabel ma ddahlu fl-izbarra llum ghal dak li huwa l-helsien mill-arrest provvizorju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------